# Kunsill Lokali Safi,

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tlieta u erbgħin (43), tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru, 2009, fil-5:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Deputat Segretarju Eżekuttiv (DSE) |
| | Dorianne Zammit | Skrivana |

1. Is-Sindku, **Pietru Pawl Busuttil ippresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti tas-seduta preċedenti** ittieħdu bħala moqrija u saru l-korrezzjonijiet li jidhru fuq il-kopja oriġinali, inizjalati mis-Sindku u d-DSE. Dawn kienu approvati u ffirmati.

3. Rigward il-proposta minħabba l-bżonn ta' installazjoni ta' ***Dome Camera*** fil-ġnien quddiem il-Bini Amministrattiv, intqal li din kien hemm diġa' qbil fis-seduta preċedenti. Għaldaqstant se jkun avviċinat it-tekniku s-Sur Chris Ellul, biex jikkonferma li t-tip ta' camera kif indikata lilna mill-kunsillier Eddie Bonello, hija kompatibbli ma' l-infrastruttura li diġa' teżisti biex b'hekk tkun approvata *f'Payment Approval Sheet* li jkun imiss.

4. Fis-6:40pm kien hemm sospenzjoni ta' l-Agenda minħabba li ridna nagħtu spazju lid-*draughtsman* tal-Perit Robert Musumeci, is-Sur Carmelo Schembri dwar l-applikazzjoni tal-**Misraħ San Ġużepp**. Dwar dan il-proġett, minkejja li nhar id-19 ta' Novembru, 2009, jagħlqu l-offerti (s'issa ġabruha tnejn biss), għad fadal diffikultajiet mal-MEPA u l-ADT għaliex it-tibdiliet li għamel il-KLĦS fil-pjanti li kienu diġa' approvati mill-MEPA, ma kienux aċċettati minn dawn iż-żewġ entitajiet. Minn naħa l-oħra, dawn iridu jkunu osservati sa l-inqas virgola għaliex hemm it-theddida li l-allokazzjoni tal-Fond għat-Titjib Urban, tintilef kollha kemm hi minkejja li kkwalifikajna għalihom, kif ukoll tintilef il-garanzija bankarja. Id-diffikultajiet huma dwar parkeġġi ta' vettura fi Triq San Ġużepp fil-kantuniera ma Triq San Franġisk, kif ukoll dwar iż-żewġ parkeġġi li hemm fejn xulxin fil-Pjazza. Dwar dawn intqal li l-problema tat-toroq il-qodma huwa li f'ħafna postijiet m'hawnx wisq spazju fejn tipparkja. Is-Sur Carmelo Schembri telaq fis-6:55pm. Aktar tard wara li telaq is-Sur Schembri, il-Kunsill iddeċieda li din l-offerta jikkunsidra fil-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kunsill kif ukoll jikkunsidra l-materjal li se jkun użat għall-ippavimentar.

5. Issuktat l-**Agenda** bil-punti li kienu mqajma mill-minuti.

6. Dwar **ingombru fit-toroq**, reġa' ssemma' it-trakk l-isfar li għadu fi Triq il-Nassaba, it-*trailers* fi Triq il-Kuċċard, it-tankijiet tal-plastik għall-ilma imwaħħla bil-ktajjen f'postijiet pubbliċi kif ukoll tabelli ta' promozzjoni minn xi individwu li fir-raħal qed isir irkant. Dwar dawn, se nkellmu lill-pulizija. Diġa' twaħħlu karti ta' twissija mill-Kunsill. Se navviċinaw lil sid it-tankijiet biex ineħħihom kif ukoll se nneħħu l-istess tabelli aħna mit-toroq, rispettivament.

7. F'dan il-waqt. is-Sindku ressaq **talba għall-mera** li ntalbet minn xi ħadd fi triq mhux urbana fil-Karwija. Huwa qal li dan is-sit jintuża minn xi għoxrin persuna. Dwar din il-proposta ma kienx hawn qbil minn kulħadd.

8. Id-DSE għadda it-talba għall-ħlas lill-HSBC sabiex ir-restawratur tal-KLĦS, ta' l-**istatwa ta' San Ġużepp** jieħu ħlasu lura. Dwar din it-talba, minkejja li l-kont kien mgħoddi ftit tal-ġranet ilu biss, għad m'għandniex risposta u se nippruvaw nikkomunikaw ma' l-istess dipartiment fi ħdan l-HSBC sabiex inħaffu l-proċess kemm nistgħu. Dwar ix-xogħol ta' restawr li jmiss fuq niċeċ, is-Sindku diġa' għamel kuntatt telefoniku mas-sidien tal-propjeta' ta' l-istatwa tad-Duluri, li tinħtieġ l-attenzjoni minnufih minħabba l-qagħada ħażina li tinsab fiha.

9. Jimmy Busuttil qal li hu kien interessat fil-**mawra li saret ġewwa l-ajruport ta' Ħal Luqa,** mis-Sindku, id-DSE, kif ukoll id-*draughtsman* tal-Perit Robert Musumeci, ftit tal-ġimgħat ilu, biex jara l-possibilita' li l-ilma li qed jinġabar fil-Karwija, kif jista' ma jibgħax joħloq inkonvenjent. Dwan dan id-DSE qal li għadna nistennew ir-rapport ta' l-istess *draughtsman* għaliex kemm hu kif ukoll is-Sindku m'humiex kompetenti biex minn sempliċiment viżita fuq is-sit jieħdu deċiżjoni biex dan l-ilma jiskula xi mkien anke possibilment permezz ta' *culvert* li wkoll kien diskuss waqt din id-diskussjoni. Minkejja dan, il-KLĦS m'għandux fondi allokati għal dan l-investiment. Kienet imwarrba l-proposta li dan l-ilma jkun imqabbad mal-medda tad-drenaġġ. Dwar il-proposta ta' *culvert*, li jista' jifnad għal diversi piedi 'l isfel, hemm tulijiet sostanzjali biex dan ikun imqabbad ma dak tal-mina ta' Ħal Kirkop. Għaldaqstant, il-KLĦS iddeċieda li għandu jinvolvi lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex ikun imneħħi dan l-inkonvenjent.

10. Kien hemm kummenti negattivi għall-**kollettur ta' l-iskart**. Xi kunsillieri qablu li dan qed idum ma jiġi jiġbor l-iskart, ġieli sat-tlieta u nofs ta' wara nofs-in-nhar. Dan ġara din il-ġimgħa, fejn kien għad fadal xi boroż – aktarx il-kunsillieri kienu qed jirreferu għal dawn ta' skart isseparat; il-griżi.

11. Inbidlu numru ta' **lampi maħruqa tad-dwal fil-bitħa ta' l-iskola**. Dan bla dubju jnaqqsu d-dlamijiet li jkun hemm fil-għaxija speċjalment meta tkun miftuħa l-librerija pubblika tard wara l-ħamsa ta' fil-għaxija.

12. Issemmiet l-insistenza li qed nagħmlu biex isir il-permess, kif ukoll, il-ħlas għall-art, li ttieħdet bl-iskuża ta' **bini ta' stekkat**, għal diversi metri 'l barra fit-triq, li kien ukoll imsemmi fid-diversi minuti tal-laqgħat preċedenti tal-Kunsill. Kien

hemm dawn l-iżviluppi. Is-Sindku kellem lill-avukat Dr Charmaine Cherret dak il-ħin bil-mobile. Din qaltlu li hija ma rċeviet xejn minħabba xi diffikultajiet li kellha bil-*computer*, peress li aħna bagħtna t-talba lilha b'e-mail biex ma jinħeliex aktar żmien. Hija se tibgħat l-ittra uffiċjali lil George Cassar, li tella' dan il-ħajt. Id-DSE qal li dwar dan kellmu l-Ispettur Carlos Cordina għaliex il-komunikati tagħna qed jgħaddu wkoll lill-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-Pulizija u l-MEPA, peress li dawn huma kollha involuti fil-każ.

13. It-**tabelli informattivi ma' siti storiċi** u ta' nteress se jkunu jikkumplimentaw il-mappa tar-raħal li se titpoġġa fil-pubbliku, kif ukoll il-***Heritage Trail***. Madankollu ma kien hemm l-ebda offerta vantaġġjuża għalina s'issa, minkejja li kienu hekk mitluba jagħmluha, il-membri tal-*Military and Hospitalier Order of St Lazarus of Jerusalem Malta*, biex ipoġġu l-*logo* tagħhom fuq dawn it-tabelli. Din it-talba saret fil-jiem li għaddew permezz ta' e-mail lis-Sur Alexis Callus, li kien akkumpanja lil **Grand Prior of the Maltese Islands, Chev Meli Attard** ftit tal-ġimgħat ilu f'laqgħa li nżammet apposta u dawn kienu ppreżentawlna *samples* tal-materjal li minnhom kollha, se nagħmlu użu minn dak tal-injam. Iżda xorta irridu mmorru naraw dawn is-samples, qabel ma jkunu ordnati. Dwar il-*Heritage Trail*, kien deċiż li din issir fuq *leaflet* bil-kulur, daqs ta' A3 u mitwi għall-A5 bin-numri li jaqblu kemm mal-mappa kif ukoll man-numru li se jingħata lil dawn it-tabelli.

14. Għal offerta li saret lis-Sindku minn uffiċjal fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura, biex **art li qed tintuża bħala miżbla tiġi kkonvertita f'sit agrikolu pubbliku bis-siġar taż-żebbuġ**, id-DSE ipprepara ittra madwar xi tlett ijiem qabel il-laqgħa. Din l-ittra kienet iċċirkulata lill-kunsillieri li għandhom e-mail minħabba l-urġenza tagħha biex ma jkunx ħtija tad-DSE li tintilef din l-offerta. Madankollu jirriżulta li din l-art kien ilha li kienet ġiet diskussa fil-Kunsill u ma' kienx hemm qbil dwar l-użu futur tagħha. Tant li kien hemm min fid-diskussjoni wera ix-xewqa illi din tkun użata għall-*pitch* tal-boċċi, *tennis court* u ġnien pubbliku. Dwar żvilupp bħal dan, żgur li jkun hemm il-ħtieġa li napplikaw mal-MEPA għax dan hu ferm differenti milli tħawwel siġra f'kampanja Tree for You (34U) bħalma jirriżulta li kien diskuss diversi snin ilu dwar dan il-proġett f'Ta' Amparell. Intant, issemma' wkoll li minn ġo din l-art kienet se tgħaddi triq li llum ħadd sema' xejn aktar dwara. Dwar dan, Jimmy Busuttil qal li hu jaqbel ma Eddie Bonello u Publius Abdilla, li ittra bħal din bi proposta ta' siġar kellha titla' sal-livell tal-Kunsill u mhux issir it-talba hekk malajr, malajr. Għaldaqstant, id-DSE għandu jerġa' jagħmel talba oħra differenti minn dik li għamel, bil-kliem li "din l-art għandha tiġi riabilitata sabiex ma tibqax isservi ta' miżbla".

15. Intant **Jimmy Busuttil qal li kellu jkun infurmat** ukoll uffiċjalment minn qabel ma nżammet din il-laqgħa li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa kemm is-Sindku ta' Għawdex li konna qed nistennewh ikellimna dwar il-pannelli fotovoltajiċi, kif ukoll l-uffiċjali ta' Sterling Security li qalu li rċevew l-istedina tard.

16. Inqrat l-ittra magħmula lilna mid-Dipartiment għall-Indafa Pubblika. Fiha hemm talba sabiex **il-KLĦS jogħlielu l-kuntratt sostanzjalment tal-knis u t-tindif tat-toroq.** Dan it-tibdil, il-KLĦS ma jiflaħx għalih, u rah għoli wisq. Għaldaqstant il-Kunsill se jikteb lura u jinforma lid-Dipartiment illi se jkun qed jikkunsidra alternattivi oħra.

17. Kien diskuss kont ta' **qtugħ tal-friegħi tal-palm** li jammonta għal €66. Dan ix-xogħol kien sar fil-Misraħ fuq il-palm tal-Kunvent tas-Sorijiet, liema ordni kien ta s-Sindku lejlet il-festa tar-raħal, kif ukoll dik li hemm quddiem l-Għassa tal-Pulizija u ċ-ċentru tar-raħal.

18. Stedina li saret lill-KLĦS, ġejja mill-MEPA. Din saret biex tippromwovi il-**galleriji maltin** permezz ta' wirja fil-Bini Amministrattiv. Minn naħa tagħna m'għandna l-ebda oġġezzjoni għal din il-wirja u għalhekk se naċċettaw li din tinżamm fir-raħal tagħna, propju fis-sala ta' fuq l-uffiċini.

19. Dwar il-proposti biex isiru ***boards*** **għas-sala** sabiex fuqhom ikunu jistgħu jitwaħħal materjal stampat f'wirjiet futuri, għadna irridu naraw min huma l-fornituri li se jkunu jistgħu jagħtuna dak li nixtiequ.

20. Il-KLĦS iddiskuta **l-mappa ta' Ħal Safi** li se tkun ta' għajnuna għall-viżitaturi li jkunu jixtiequ jduru fost l-oħrajn postijiet storiċi u ta' nteress. Infatti se jitneħħew id-dettalji ta' xi siti li kienu diġa' murija fuq il-mappa l-antika. Dawk il-postjijet li se jibqgħu jidhru huma dawk bin-numri 1,2,3,4,5,7,8,9,10,11 li se jkollu tibdil fl-isem għal Ġnien Dun Karm Vella, 12, 13 li mal-kelma "is-Salib" se tiżdied "tad-Dejma", 15, 17, 18, 19, 20, 21 li mal-kelma "Knisja" se tiżdied "Parrokkjali", 22, 25 u s-26. Dawn is-siti se jkunu miktuba bil-malti u bl-ingliż. Fuq il-mappa se nagħmlu l-kelmiet "int qiegħed hawn" u għalhekk kien deċiż li din issir fejn kienet qabel il-*milestone* li issa għabet. Dwar it-tip ta' pjanta se tkun *ortophoto* tal-MEPA li se tinxtara minn għandhom u fuqha se jkun hemm l-ismijiet tat-toroq kollha.

21. Kien diskuss fit-tul il-każ ta' **l-eks Segretarju Eżekuttiv**. Minn mindu ltaqa' l-KLĦS 'l hawn, Jason Cutajar ħallas €31,000 permezz ta' *cheque* li ssarraf. Dwar il-kumplament tal-fondi li fadal jidħlu wara żewġ tentattivi, kull darba jinżlu is-Sindku u d-DSE il-Qorti, biex fil-preżenza ta' l-avukati taż-żewġ partijiet jiġi ffirmat il-ftehim bin-nutar, irnexxielna s'issa niffirmawh. Madankollu għad fadal li ssir prokura mill-mara ta' Jason Cutajar li hija neċessarja biex dan il-kuntratt jgħodd għal skopijiet ta' insinwa. F'dan il-ftehim, li jibda jiddekorri minn Novembru, 2009 għal sentejn, Jason Cutajar se jħallas €1,675,52 kull xahar biex ikopri wkoll interessi ta' 4% *a scaletta*. Matul il-jum daħal l-ewwel pagament li kopja tiegħu kienet mgħoddija fil-laqgħa mid-DSE lill-kunsillieri permezz tat-24 x 7 tal-BOV. Inċidentalment fuq l-istess kopja jidhru wkoll il-€31,000 li jissemmew aktar kmieni f'dan il-paragrafu.

22. Kienu diskussi **l-attivitajiet tal-Milied** li ssoltu jorganizza l-KLĦS. Minħabba riskju għall-influwenza magħrufa bħala *Swine Flue*, li tittieħed mill-għeluq, mhux se jsiru il-*Party* tal-Milied tat-tfal, kif ukoll l-ikla tal-anzjani. Il-Kunsill qabel li hemm wisq riskji biex ikunu miżmuma dawn l-attivitajiet li jmur kontra kull parir ta' l-awtoritajiet.

23. Fil-Milied se jkunu **mqassma *hampers* mimlija bil-frott frisk** lill-anzjani li ma joħorġux minn djarhom, kif kien isir is-soltu. Madankollu il-lista ta' dawn l-anzjani, trid tiġi aġġornata għaliex dawn jiżdiedu u jonqsu kull sena.

24. Għall-kunsillieri u l-istaff se **ssir ikla f'nofs-in-nhar li se tiġi msajjra 'in house'** u din se ssir fil-kċina tas-sala tal-Kunsill, f'data li trid tiġi stabbilita aktar tard.

25. Il-**mixhela tat-toroq** se jieħdu ħsieba l-membri tal-Każin San Pawl kif ukoll il-**banda fit-toroq** li permezz tagħha se tferraħ lir-residenti tagħna. Dwar din ta' l-aħħar, il-Kunsill se jaqsam l-ispejjeż ma' l-istess każin, għaliex anke dan, iħoss li għandu jagħti kontribut fl-atmosfera festiva.

26. Il-*Head Coach*, **Omar Schembri, talab li juża s-sala tal-Kunsill** għal-laqgħa li se tinżamm nhar it-22 ta' Novembru, 2009 għal ġenituri tat-tfal li jużaw in-*nursery* tagħna. Dwar dan, ma kien hemm l-ebda diffikulta' u l-Kunsill m'għandu l-ebda oġġezzjoni.

27. Kienet ippreżentata skeda ta' għoxrin persuna li applikaw għall-**post ta' Segretarju Eżekuttiv.** Il-Kunsill għamel *short listing* ta' dawn għaliex instab illi s-sinjuri Graziella Scerri, Robert Gafa, Natalie McBride, Gareth Galdes u Caroline Attard m'għandhomx ir-rekwiżiti kollha li talab il-Kunsill fl-avviż li deher fil-ġurnali u l-gazzetta tal-Gvern. Infatti dawn il-persuni mhux se jkunu msejħa jattendu għall-intervista.

28. Il-kumplament tal-applikanti fuq il-lista se jkunu msejħa joqgħodu għall-**intervista**, li se ssir nhar il-Erbgħa u l-Ħamis, 25 u 26 ta' Novembru, 2009 mill-5:00pm 'il quddiem. Kull persuna hu antiċipat li tieħu madwar kwarta. Għaldaqstant id-DSE se jinforma lil dawn il-persuni u jinfurmahom sabiex jibgħatulna *acknowledgement* tal-ittra li jkun bagħat permezz ta' *e-mail* lil Kunsill bħala evidenza li rċevew l-ittra tagħna. Sadanittant se jsir eżerċizzju dwar lejn x'hiex wieħed għandu jikkunsidra biex tiġi magħżula l-persuna idejali; bħall-personalita', kwalifiki, esperjenza, ħinijiet ecc. Dawn il-persuni se jkunu mitluba jġibulna (min għadu ma pprovdihomx), żewġ referenzi.

29. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets*** numri 35 u 36.

30. Is-Sindku fakkar lill-kunsillieri biex jibgħatu l-messaġġi tagħhom għall-ħarġa tal-fuljett li jmiss. Hu minn naħa tiegħu ippreżentah dak il-ħin lid-DSE.

31. Is-Sindku informa lil Kunsill **illi inxtara l-ġeneratur tad-dawl elettriku** biex jibda' jiġi użat mill-Kunsill fejn il-ħaddiema jkollhom bżonnu. L-ewwel biċċtejn xogħol għandhom ikunu it-tħaffir ta' *culvert* li għalih kienu inxtraw il-gradilji li se jaqa' fihom l-ilma tax-xita, fil-Ħlantun, kif ukoll it-toqob għall-ilma tax-xita fil-Karwija.

32. **Pietru Pawl Busuttil talab lill-KLĦS sabiex japprova €7,000 lil Polidano Bros** tal-asfaltar ta' l-Isqaq fil-Karwija aktar kmieni din is-sena. Hu qal li din is-somma għadha pendenti minkejja li x-xogħol issa ilu li sar. Għaldaqstant, il-kunsillieri qablu unanimament, iżda minn din is-somma tinqata' dik ta' €636 li għad hemm pendenti bejn l-istess kuntrattur u l-persuna li fettxet lill-Kunsill għad-danni tal-ħsara li għamlet fil-vettura tagħha meta waqgħet f'ħofra mingħajr ilqugħ waqt xogħlijiet li kienu qed isiru *f'extensive patching* ix-xitwa li għaddiet.

33. Publius Abdilla talab sabiex **isiru numru kartelluni** li se jitwaħħlu fir-raħal biex biha l-pubbliku jkun jaf illi teżisti l-iskema tan-***Neighbourhood Watch***. Minn dawn il-posters se jitwaħħlu 30 kopja ħalli permezz tagħhom il-pubbliku jkun jaf fejn għandu jċempel f'każ ta' bżonn u emerġenza.

34. Issemma' li t-**tappiera tal-festa** li kienet fi stat ħażin ta' manutenzjoni, issa saret għas-sodisfazzjon ta' kulħadd fi Triq Santa Marija.

35. Ser jitħawwlu xi **pjanti u jew siġar fi Triq il-Kuċċard** biswit il-*bring in site*, fil-konok li hemm apposta. Intant se titħawwel **siġra żgħira ta' l-awrikarja** fil-Karwija. Se jkun infurmat il-ġardinar tal-Ġnien ta' Ball, li iż-żerriegħa tal-**fjur tal-ġiżi** li kibret fi mxietel, tista' tiġi mħawwla f'dan iż-żmien tas-sena, filwaqt li l-**biċċiet tas-sardinell** jista wkoll jiġu mħawwla wara li jdumu xi jiem sakemm jinxfilhom iz-zokk biex ma jitmermirx.

36. Jimmy Busuttil wera l-preokkupazzjoni tiegħu għall-**klieb li hawn jiġru barra** u jħammġu kullimkien. Hu qal li Triq il-Menqa u Triq il-Kenn huma mimlija ħmieġ tagħhom fuq il-bankina.

37. Il-laqgħa ntemmet fl-10:30pm u l-Kunsill se jiltaqa nhar it-3 ta' Diċembru, 2009.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 3/12/09 minn Pietru Pawl Busuttil
Deputat Segretarju Eżekuttiv Sindku